MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. GRAZIO MERCIECA

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 84/2004

It-Tribunal ;

Ra l-avviz tat-talba li tghid hekk:

" Tikkundanna lill-konvenut Joseph Zammit ihallas is-somma ta' tlett mija u disgha u erbghin lira Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm349.66) dovuti bhala danni sofferti mill-attrici per konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li sehh fit-tnax (12) t'Awissu tas-sena elfejn u tlieta (2003) fi Triq ta' Wara s-Sur, Victoria, Ghawdex bejn il-vettura tal-marka Renault Clio u bin-numru tar-registrazzjoni LAF 398 propjeta' ta' l-attrici u misjuqa minn Eric Joseph Grech u l-vettura tal-marka Toyota pick-up u bin-numru tar-registrazzjoni BBF 956 propjeta' ta' Joseph Portelli u misjuqa minnek konvenut Joseph Zammit, u ta' liema incident inti konvenut kont unikament responsabbli minhabba imperizji, sewqan eccessiv, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku.

Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjes komprizi dawk ta' l-ittra interpellatorja mibghuta fis-sbatax (17) ta' Awissu tas-

sena elfejn u erbgha (2004) u ta’ l-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment ma’ dan l-avviz lis-socjeta’ assikuratrici tal-konvenut.

Bl-imgunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.”

Ra r-risposta li tghid hekk:

“1. Preliminarjament qed tigi eccepita n-nuqqas ta’ kompetenza ta’ dan it-Tribunal, stante illi l-mertu ta’ din il-kawza huwa kompetenza tat-Tribunal (centru) ta’ l-Arbitragg.

2. Illi minghjr pregudizzju ghas-suespost d-domandi attrici huma nfondati fid- dritt u fil-fatt stante illi l-incident de quo sehh unikament tort u htija ta’ Eric Joseph Grech li kien qed isuq il-vettura ta’ l-attrici.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghalhekk din il-kawza ghandha tigi rigettata bl-ispejjes.”

Ha konjizzjoni tal-provi

Ikkunsidra

Jirrizulta li fil-hin tal-incident, il-vettura tal-attrici kienet qieghdha tinstaq ghat-telgha fi Triq ta’ Wara s-Sur, gewwa Victoria, Ghawdex fejn il-parti karreggjabbli disponibbli kienet wahda dejqa billi fuq in-naha tax-xellug kien hemm ipparkjata vettura kif ukoll rampa ta’ garaxx filwaqt li fuq in-naha tal-lemin kien hemm *double parking*. Min-naha l-ohra l-konvenut kien qieghed isuq ghan-nizla vann *pick-up* jirmonka karru taz-ziemel, f’parti fejn il-parti karreggjabbli tat-triq kienet usa fuq in-naha tax-xellug tieghu, billi ma kienx hemm karozzi pparkajati hemmhekk.

Eric Grech, sewwieq tal-vettura tal-attrici, qal li huwa u jsuq fil-parti d-dejqa, biex isorpassa vettura pparkjata fuq in-naha tax-xellug tieghu, (fil-punt “Y” fl-iskizz a fol 31) immanuvra l-ewwel lejn il-lemin imbaghad lejn ix-xellug, u

f'dan l-istadju lemah il-vettura tal-konvenut gejja mid-direzzjoni opposta u sehhet il-habta.

Il-konvenut stqarr, fil-hin vergni, li waqt li kien qieghed isuq bi speed baxx lemah karozza tinstaq fid-direzzjoni tieghu mill-parti dejqa tat-triq. Huwa waqqaf il-vettura tieghu biex ihalliha tghaddi izda sehhet il-habta. Anke ohtu ikkorroborat il-verzjoni tieghu mal-warden li rrediga r-rapport. L-ahwa Grech imbaghad irrepetew din il-versjoni quddiem it-Tribunal. Sostnew ukoll, quddiem dan it-Tribunal, illi l-vettura taghhom lahqet waqfet x'hin sehhet il-habta.

Fl-avvidavit ipprezentat quddiem it-Tribunal, il-konvenut stqarr li ra vetturi ohrajn telghin fid-direzzjoni tieghu, applika l-brejks, waqaf, hallihom jghaddu, imbaghad – meta kien wieqaf, tfacca warajhom Eric Grech li baqa' diehel fih. Ghalhekk il-brake-marks indikati fl-iskizz kienu sehhu qabel l-incident.

It-Tribunal irid jara liema minn dawn il-verzjonijiet hija l-iktar wahda verosimili u denja li tigi minnu emnnuta. Jigi osservat li l-konvenut ma hassx *a tempo vergine* li jigbed l-attenzjoni tas-surgent li rrediga r-rapport li l-brake-marks kienu sehhu qabel. L-anqas semma' z-zewg karozzi li kienu ghaddew qabel. F'dan ir-rigward l-ahwa Grech stqarrew quddiem it-Tribunal li veru li kien hemm xi vetturi mexjin quddiemhom, imma dawn kienu distanza konsiderevoli boghod minnhom. U l-anqas ikkontro-ezamina lis-Surgent fuq dan il-punt. Certament, *ex admissis,* il-konvenut minflok ma baxxa l-ispeed u waqaf fil-gemb tat-triq, ittanta jidhol fil-parti d-dejqa minkejja li kienu gejjin vetturi mill-parti d-dejqa, minflok tahom il-precedenza, kif kellu obbligu ovvju li jaghmel, tant li biex waqaf kellu japplika l-brakes b'sahha tali li jhallu l-iskid marks. Il-konvenut kellu jgib prova cara biex tirribatti l-prezunzjoni, risultanti mir-*res gestae* li huwa applika l-brejk proprju qabel habat mal-vettura tal-attrici – haga li manifestament naqas milli jaghmel. Dan il-fattur, flimkien mal-inverosimiljanza li ma jaghtix spjega tal-brake-marks lill-pulizija kif ghamel quddiem it-Tribunal, ixxaqleb definittivament il-mizien kontra tieghu ghal dik li hija l-

probabilita' ta' liema verzjoni jisthoqqilha l-iktar li titwemmen.

Il-quantum tad-danni kif ippruvat mill-attrici ma giex ikkontestat waqt is-smiegh tal-kawza.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal-attrici, isib lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident stradali msemmi fl-avviz tat-talba kawza ta' sewqan negligenti u bi ksur tar-regolamenti tat-traffiku u konsegwentement jikkundannah ihallasha s-somma ta' LM349.66 ammont ta' danni minnha subiti b'konsegwenza tal-istess incident, bl-imghax mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-eventwali hlas effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tas-17 t'Awwissu 2004 a kariku tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------